Kulleġġ San Tumas More

Skejjel Primarji

Eżami ta' Nofs is-Sena

IR-RELIĠJON

Ir-Raba' Sena | Frar 2018 | Il-Ħin: Siegħa u Kwart

L-isem u l-kunjom: ________________________________

Il-klassi: ___________________________



| TAQSIMA A | TAQSIMA B | TAQSIMA Ċ | TAQSIMA D | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| minn 25 | minn 25 | minn 25 | minn 25 | minn 100 |

TAQSIMA A (25 marka)

IL-PJAĊIR TA' FLIMKIEN

**A 1. Liema huma l-kwalitajiet li għandu jkollna waqt il-ħin tal-iskola? Ikteb TAJJEB jew ĦAŻIN.**

| | |
|---|---|
| 1. Inkunu egoisti. | **Ħażin** |
| 2. Naħdmu mal-oħrajn. | |
| 3. Ma naħlux il-ħin. | |
| 4. Ninsultaw lil xulxin. | |
| 5. Niżviluppaw it-talenti tagħna. | |
| 6. Nitgħallmu nigdbu. | |
| 7. Nitgħallmu nsolvu sitwazzjonijiet diffiċli. | |
| 8. Nuru rispett lejn kulħadd. | |

(7 marki)



A 2. Agħżel il-kliem it-tajjeb.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| appostli | Ispirtu s-Santu | Marija | riħ | knisja |
| ħamsin | dixxipli | dawl | kuraġġ | Ġesù |

Fl-Għid il-Ħamsin, ________________ jum wara li Ġesù qam mill-mewt,

l- ________________ kienu miġburin f'kamra jitolbu. Magħhom kien

hemm ________________ u xi ________________ oħra. Kienu

mbeżżgħin u bdew iħossuhom waħidhom. F'daqqa waħda, semgħu bħal

________________ qawwi u raw ________________ qisu ilsna tan-nar.

Dak il-ħin indunaw li kien niżel fuqhom l- ________________.

L-Appostli ħassewhom mibdulin għax kienu mtlew b'________________

kbir. Huma bdew jifhmu aktar dak li għallem ________________, u

ħarġu jgħallmu lil kulħadd. Dakinhar tal-Għid il-Ħamsin

twieldet il-________________.



(10 marki)

**A 3. Kompli s-sentenzi.**

1. Il-Bibbja hi maqsuma fit- testment il- ____________ u l-____________.

2. Il-missjunarji huma nies li

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________.

3. Kelma oħra minflok Għid il-Ħamsin hi

   ______________________________________________.

4. L-evanġelisti kien jisimhom:

   a. San ___________________

   b. San ___________________

   ċ. San ___________________

   d. San _________________



(8 marki)

**TAQSIMA B** **(25 marka)**

**EJJA NSIRU AĦJAR**

**B 1. Immarka liema hi t-tajba permezz ta' ✓.**

1. Komunità hija

| | | |
|---|---|---|
| a. | grupp ta' nies li jaħdmu flimkien. | |
| b. | grupp ta' nies li jiġġieldu ħafna. | |
| c. | grupp ta' nies li ma jitkellmux bejniethom. | |

2. L-ewwel komunità li nsibu ruħna fiha hija

| | | |
|---|---|---|
| a. | l-iskola. | |
| b. | l-familja. | |
| c. | l-MUSEUM. | |

3. Meta kiber Ġesù mexa wara l-eżempju

| | | |
|---|---|---|
| a. | ta' sħabu. | |
| b. | tan-nies ta' Nażaret. | |
| c. | tal-ġenituri tiegħu. | |

4. Għandna napprezzaw dak li jsir lilna u allura ngħidu

| | | |
|---|---|---|
| a. | grazzi, prosit u skużani fejn meħtieġ. | |
| b. | kliem ta' disprezz lejn xulxin. | |
| c. | kliem li jweġġa' lil xulxin. | |

(4 marki)

**B 2. Agħżel mill-kliem ta' ġol-kaxxa biex timla l-vojt.**

| | | |
|---|---|---|
| tletin | sinagoga | Mqaddsa |
| Isaija | tlitt | Marija |
| Nazaret | mastrudaxxa | tnax-il |

Għalkemm Ġesù twieled Betlem, l-ewwel snin ta' ħajtu għexhom ________________ flimkien ma' ________________ u Ġużeppi. Ġużeppi kien ________________ u Ġesù kien jagħtih daqqa t'id. Ġesù kien imur jitgħallem il-kotba ________________ fis- ________________ u meta kellu ________________ sena kien jafhom sew. Darba Ġesù ntilef fis-sinagoga u Marija u Ġużeppi sabuh wara ________________ ijiem. Kien qiegħed jiddiskuti silta mill-ktieb tal-Profeta ________________. Meta sabuh baqa' jgħix magħhom sakemm kellu ________________ sena.

(9 marki)



**B 3. Kompli**

1. Irridu naħdmu biex nixbhu lil **Ġ**________________.
2. Ġesù kien bħalna f'kollox minbarra d- **d**________________.
3. Ġesù kien jieħu l-istudju tal- **I**________________ bis-serjetà.
4. Ġesù baqa' jikber fl-**għ**________________ u fil- **g**________________.

(5 marki)

**B 4. Ikteb VERU jew FALZ dwar Ġużeppi minn Kopertinu.**

1. Ġużeppi kien minn Napli, fl-Italja. ___________
2. Ġużeppi kien ċert li twieled bla talenti. ___________
3. Ipprova jitħarreġ fis-sengħa li jagħmel iż-żraben. ___________
4. Tħajjar jidħol saċerdot imma m'aċċettawhx. ___________
5. Huwa daħal ma' xi partijiet jieħu ħsieb in-nagħaġ. ___________
6. Wara ħafna tbatija, irnexxielu jsir isqof. ___________
7. Ġużeppi ta' Kopertinu jgħallimna ma naqtgħux qalbna. ___________

(7 marki)



**TAQSIMA Ċ** **(25 marka)**

**AĦNA MAGĦQUDA FLIMKIEN**

**Ċ 1. Agħżel il-kelma t-tajba mill-kaxxa. Hemm kelma żejda.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Appostlu | Isla | Papa | Borg | tarzna |
| Ġesù | ġid | San Ġorġ Preca | | superjur |

1. Ewġenju _________________ twieled l- _________________.

2. Hu kien jaħdem fit- _________________.

3. Kien jgħallem lil sħabu fuq _________________.

4. Meta spiċċa mix-xogħol talbuh jibqa' għax kien jagħmel ħafna _________________.

5. _________________ għamlu l-ewwel _________________ tal-Museum.

6. Għalhekk sħabu kienu jsejħulu_________________. (8 marki)

**Ċ 2. Veru jew Falz?**

| | |
|---|---|
| 1. Nistgħu nitolbu flimkien jew waħidna. | **Veru** |
| 2. Il-ktieb qaddis tal-Musulmani hu l-Koran. | |
| 3. Is-simbolu tal-Insara huwa d-domna. | |
| 4. Ikel tipiku tal-Lhud huwa l-Kosher. | |
| 5. L-Insara jużaw il-ktieb tat-Testment il-Ġdid biss. | |
| 6. Il-Musulmani jużaw it-tapit biex jitolbu. | |
| 7. Il-Lhud jitolbu ħames darbiet kuljum. | |
| 8. Il-Musulmani jqimu lil Mohammed. | |

(7 marki)

**Ċ 3. Aqra din is-silta dwar Adelaide Cini.**

Adelaide Cini twieldet fil-25 t'Ottubru. Għalkemm kienet tifla ta' sinjur, hi kellha karattru umli. Ta' 18-il sena marret tħabbat il-kunvent ta' Santa Katerina biex issir soru. Iktar tard fetħet dar għal tfajliet abbandunati għax hi kellha qalbha tajba. Hi riedet tgħinhom biex jgħixu aħjar minn dik il-klassi fqira tas-soċjeta' Maltija li kienu jgħixu fiha. Adelaide kienet tfajla ġeneruża u altruista.



**Wieġeb il-mistoqsijiet.**

1. Meta twieldet Adelaide Cini?

______________________________________________

2. Kemm kellha żmien Adelaide Cini meta marret tħabbat il-kunvent ta' Santa Katerina biex issir soru?

______________________________________________

3. Għal min fetħet id-dar Adelaide Cini?

______________________________________________

4. Semmi eżempju ta' kif Adelaide Cini kienet tgħin lit-tfajliet sabiex jgħixu aħjar.

   a. ____________________________________________

5. Ikteb żewġ eżempji ta' kif int tisa' tkun ġeneruż/a ma' ħaddieħor.

a. ____________________________________________

b. ____________________________________________

(6 marki)

**Ċ 4. Kompli dawn it-talb.**

1. Ġesù grazzi talli

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

2. Ġesù għinni nifhem

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

3. Ġesù aħfirli talli

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

4. Ġesù ħu ħsieb

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

(4 marki)



**TAQSIMA D** **(25 marka)**

**ĦARSU FTIT 'L HEMM**

**D 1. Immarka jekk hux veru jew falz billi tagħmel sinjal (✓) taħt il-kolonna t-tajba.**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Il-faqar iġib miegħu ħafna ferħ. | | |
| 2. Irridu nagħmlu ħilitna sabiex il-faqar jitneħħa. | | |
| 3. Il-faqar ma jgħinx biex il-persuni jsiru aħjar. | | |
| 4. Meta persuna ma jkollhiex biex tgħix u fejn tgħix ngħidu li qed tgħix fil-faqar. | | |
| 5. Fi żmien il-Milied, f'kull post fid-dinja jkun hemm ħafna tiżjin rigali, festini u ferħ. | | |
| 6. Hu fqir ukoll min m'għandu lil ħadd min iħobbu u min jieħu ħsiebu. | | |
| 7. Il-faqar iġib miegħu ħafna tbatijiet. | | |
| 8. Ġesù twieled sinjur. | | |



(8 marki)

D 2. Din hija l-istorja tal-Milied kif ġrat wara xulxin. Kompli s-sentenzi billi tqabbel kolonna A ma' kolonna B, permezz tan-numri.

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Ġużeppi u Marija marru Betlem biex | | għax kullimkien kien mimli. |
| 2. Ma sabux post fejn joqogħdu | | lir-rgħajja. |
| 3. Anġlu tal-Mulej deher | 1 | jinkitbu fiċ-ċensiment ta' Ċesri Awgustu. |
| 4. L-Anġlu tal-Mulej qalilhom: | | u sabu lil Marija, lil Ġużeppi u lit-tarbija. |
| 5. Ir-rgħajja marru jgħaġġlu | | "Tibżgħux! Għax ara, se nħabbrilkom ferħ kbir. Illum twieled is-Salvatur." |

(4 marki)



**D 3. Aqta' sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Ir-rgħajja kienu nies (fqar , sinjuri).

2. Ir-rgħajja skantaw għad- (dawl, dlam) li raw.

3. Ir-rgħajja (m'emmnux, emmnu) dak kollu li qalulhom l-anġli.

4. Ir-rgħajja mtlew (bil-ferħ, bid-dwejjaq) u marru jfittxu lil Ġesu bambin.

5. (Ġużeppi, David) mar ma' Marija biex jinkitbu fiċ-ċensiment.

6. Ġużeppi, Marija u Ġesù sabu kenn ġo (dar, għar) f'Betlem.

7. Ġesù Bambin kien jinsab ġo (sodda, maxtura).

(7 marki)

**D 4. Aqra u wieġeb.**

Tamara kellha inċident ikrah bil-karozza u b'hekk ser tqatta' l-Milied l-isptar. Semmi żewġ modi kif tista' tgħin lil Tamara.

1.____________________________________________

2.____________________________________________

Ikteb talba lil Ġesù u għidlu biex jieħu ħsieb lil Tamara.

____________________________________________

____________________________________________.

(6 marki)